MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 448/2002/1

## CARMELO ABELA MARKETING LIMITED

vs

## CORINTHIA PALACE HOTEL COMPANY LIMITED

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-18 t'April, 2002, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi f'April 2001 il-kumpannija attriċi Carmelo Abela Marketing Limited ġiet inkarigata mill-kumpannija konvenuta Corinthia Palace Hotel Company Limited sabiex issib ditta lesta tforni ċerti prodotti rikjesti mill-istess kumpannija konvenuta u sabiex din tikkwota prezz għal dawn il-prodotti li kienu jikkonsistu f'prodotti tal-ikel ippakkjati f'bottijiet u liema merkanzija kellha tiġi kkonsenjata s-suq Libjan;

Illi l-kumpannija attriċi inkarigat kumpannija estera, A.C.P. International S.R.L., sabiex din tforni l- informazzjoni rikjesta mill-kumpannija konvenuta  (Dok. CAM 1);

Illi l-kumpannija konvenuta kkonfermat l-ordni tagħha fit-30 ta' Mejju 2001 għall konsenja ta' sitt elef (6000) bott "Mixed Vegetables" u sitt elef (6000) bott "Diced Carrots" (Dok. CAM 2) bil-karatteristiċi hemm elenkati fosthom il-kundizzjonijiet sanitarji li huma applikabbli għas-suq Libjan;

Illi sussegwentement fl-4 ta' Ġunju 2001, il-kumpannija barranija, u ċioe A.C.P. International S.R.L., bagħtet tgħid illi l-prezzijiet kienu għolew minn dak in-nhar li kienet bagħtet l-istima originali tagħha u għalhekk kien hemm bzonn illi l-kumpannija konvenuta terga' tikkonferma l-ordni tagħha bil-prezzijiet il-godda (Dok. CAM 3 u Dok. CAM 4);

Illi l-kumpannija konvenuta kkonfermat l-ordni tagħha bil-prezzijiet il-godda fil-5 ta' Ġunju 2001 taħt l-istess kundizzjonijiet indikati fl-istess konferma (Dok. CAM 5);

Illi dak in-nhar stess il-kumpannija attriċi ordnat il-merkanżija mingħand il-kumpannija barranija u talbitha tibgħatilha kampjuni tal-prodott "diced carrots" sabiex il-kumpannija konvenuta tkun tista' tikkonferma l-kwalita' (Dok. CAM 6);

Illi l-kumpannija konvenuta kienet diga ordnat u aċċettat konsenja preċedenti tal-prodott "Mixed Vegetables" u għalhekk ma kienx hemm bzonn kampjuni għal din il-konsenja in kwistjoni;

Illi l-kwalita' tad-"Diced Carrots' ġie kkonfermat mill-kumpannija konvenuta fuq il-kampjun li ntbgħat u l-kumpannija attriċi nfurmat lil A.C.P. International S.R.L. immedjatament (Dok. CAM 7);

Illi fil-fatt il-merkanzija waslet kif miftiehem u sussegwentement il-kumpannija attriċi bagħtet "Invoice"

lill-kumpannija attriċi datat 18 ta’ Lulju 2001 għall-ħlas tal-merkanzija ordnata u kkonsenjata (Dok. CAM 10);

Illi l-kumpannija attriċi reggħet fakkret il-kumpannija attriċi illi l-ħlas kien għadu ma ġiex affetwat sal-5 ta’ Settembru 2001 (Dok. CAM 11);

Illi fl-aħħar t’Ottubru tal-istess sena, u ċioe’ iżjed minn tlett xhur wara l-konsenja tal-merkanzija, il-kumpannija attriċi ġiet infurmata mill-konvenuta illi l-Awtoritajiet Libjani ma riedux jirrilaxxaw il-konsenja u għalhekk il-kumpannija konvenuta ma setgħetx tħallas l-ammont dovut (Dok. CAM 12);

Illi l-kumpannija attriċi mingħajr preġudizzju talbet kampjuni tal-prodotti li ġew kkonsenjati l-Libja sabiex tibgħathom għall-analizi stante illi r-raguni mogħtija mill-Awtorita’ Libjana li kien hemm “change in the varnish layer” (Dok. CAM 13) ma kienx ċar;

Illi minkejja t-talbiet tal-kumpannija attriċi (Dok. CAM 14) sabiex jintbgħatu l-kampjuni u tkun tista’ ssir verifika, dawn il-kampjuni qatt ma waslu;

Illi l-kumpannija attriċi ġiet infurmata ukoll illi l-Awtorita’ Libjana irrifjutat li tipprovdi kampjuni mill-“containers” in kwistjoni u li ordnat li dawn il-“containers” kellhom jinħargu mill-Libja u li fin-nuqqas kienu ser jiġu distrutti (Dok. CAM 15);

Illi l-kumpannija attriċi onorat il-kundizzjonijiet kollha tal-ftehim iżda l-kumpannija konvenuta xorta waħda naqset mill-obbligu tagħha li taffettwa l-ħlas;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' wieħed u għoxrin elf erba' mija għoxrin euro, (EUR 21,720) ekwivalenti għas-somma ta' tmint elef sitt mija disgħa u tmenin liri maltin u disgħa u tletin ċentezmu (Lm8,689.39) skond ir-rata tal-kambju maħruga llum mill-

Bank Ċentrali ta' Malta, lill-kumpannija attriċi bħala prezz ta' merkanzija minnha ordnata u kkonsenjata lilha għas-suq Libjan fuq ordni tagħha stess;

Bl-ispejjeż inkluzi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-1 ta' Marzu 2002, u bl-imgħax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mal-ħmistax-il (15) dokument mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-20 ta’ Mejju, 2002, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet:

1. Preliminarjament illi ċ-ċitazzjoni kif dedotta mis-soċjeta' attriċi hija monka stante illi t-talba attriċi mhiex preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi ta' dik attriċi fis-somma ta' tmint elef sitt mija disgħa u tmenin liri maltin u disgħa u tletin ċentezmu (Lm8,689.39) u għalhekk is-soċjeta' konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi minkejja ċ-ċertifikat tas-saħħa li jiċċertifikaw illi l-konsenja ta' "mixed vegetables" u "diced carrots" hija konformi mar-rekwiziti stabbiliti mil-liġi, idoneja għall-konsum uman u tista' tinbiegħ liberament, l-istess konsenja ġiet rifjutata mill-awtoritajiet Libjani bħala mhux tajba għall-konsum tal-bniedem minħabba kambjament fil-"varnish layer", kif jidher mid-dokument esebit mis-soċjeta' attriċi u mmarkat "Dok. CAM 13";

3. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka;

Rat id-Degriet tagħha tal-4 ta' Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' merkanzija konsinnata u mibjugħa lill-kumpannija mħarrka. Il-kumpannija attriċi kienet għamlet arranġamenti biex kumpannija barranija li tbigħ ikel ipproċessat fil-bottijiet tibgħat għadd ta' konsenji minnhom lejn il-Libja fejn il-kumpannija mħarrka twettaq xi attivitajiet kummerċjali tagħha;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qegħda tgħid li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex ma saritx talba fis-sens li jiġi dikjarat li l-kumpannija mħarrka għandha tagħti lill-kumpannija attriċi. Hemm ukoll eċċezzjoni fil-mertu;

Illi din is-sentenza qegħda tqis biss l-eċċezzjoni preliminari dwar jekk l-azzjoni attriċi tiswiex;

Illi biex wieħed jista' japprezza sewwa xi tfisser l-eċċezzjoni taħt eżami, ikun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba

ta’ din id-disposizzjoni, flimkien ma’ l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f’sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet _Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino_[1];

Illi, f’dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f’att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi l-liġi tipprovdi ukoll li att ġudizzjarju, magħmul bis-saħħa ta’ att null jew li ġej minn att null, huwa null ukoll[2];

Illi għalkemm il-kumpannija mħarrka ma ssemmix taħt liema sub-inċiż tal-artikolu 789 qegħda tressaq l-eċċezzjoni tagħha taħt eżami, hi ssemmi n-nullita’ tal-Att taċ-Ċitazzjoni, u dan billi din in-nullita’ toħroġ min-nuqqas ta’ talba li hija meħtieġa fl-azzjoni tal-attriċi kif impostata. Minn dak li semgħet il-Qorti waqt it-trattazzjoni u minn dak li ngħad iżjed ‘il fuq, din l-eċċezzjoni jidher li hija għalhekk imsejsa fuq il-paragrafu (ċ) tas-sub-inċiż (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12 kif jirreferi għall-artikolu 156(1) tal-istess Kodiċi b’mod partikolari dwar x’jikkostitwixxi “tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba”;

Illi, kif ingħad f’għadd ta’ deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita’ mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f’tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta’ partikolarita’ essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux “sempliċi” ksur tal-forma preskritta[3];

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma’ dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta’ li tkun

---

[1] **28.1.1998** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**);
[2] Art 98 tal-Kap 12
[3] Ara, per e\empju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri;***

tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[4];

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni [5];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[6]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[7];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[8];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-

[4] Ara, per e\empju, P.A. **5.6.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)
[5] P.A.: **9.3.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;
[6] App. ~iv.: **20.2.1935** fil-kaw\a fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);
[7] App. ~iv.: **22.5.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[8] P.A. **15.12.1955** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)

intenzjoni ta' min ħarrikha[9] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[10];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq[11], il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [12]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[13], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[14], għalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[15]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[16];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qegħda tippremetti l-kumpannija attriċi ma jħalli l-ebda dubju x'inhija tippretendi li sar u xi trid li tilkseb bl-azzjoni tagħha. Fuq dan l-istess kumpannija mħarrka, fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha, turi wkoll li fehmet x'qiegħed

[9] P.A. : **14.2.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[10] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Bonni`i vs Eucharistico |ammit noe et***
[11] Ara nota 8;
[12] App. ~iv.: **7.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[13] App. ~iv. **30.3.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Raymond Be\\ina vs Anthony Galea***
[14] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ahra vs |ahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)
[15] App. ~iv. **23.4.1945** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)
[16] P.A. : **24.6.1961** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)

jingħad u x'għamla ta' kontestazzjoni qegħda tressaq għal dawk il-pretensjonijiet;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta' att ta' ċitazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[17], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[18]. Issa, fil-każ tal-lum, id-difett lamentat mill-kumpannija mħarrka huwa n-nuqqas ta' talba li hija tqis li kienet meħtieġa biex l-attriċi tista' tikseb ir-rimedju minnha mitlub. Dwar dan, il-Qorti ssib li s-sottomissjonijiet magħmula waqt it-trattazzjoni f'isem il-kumpannija attriċi għandhom mis-sewwa, għaliex id-dikjarazzjonijiet magħmulin minnha fil-premessi u li minnhom jinstiltu t-talbiet tagħha ma kinux jeħtieġu li tali dikjarazzjonijiet jissawru fl-għamla ta' talba formali;

Illi ngħad mill-qrati tagħna li d-dikjarazzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mit-talbiet tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni fil-forma ta' talba[19]. Min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka tgħid li lanqas fil-premessi tal-azzjoni attriċi ma jissemma li l-kumpannija mħarrka hija debitriċi tagħha. Din is-sottomissjoni ma jidhirx li hija minnha, għaliex jekk wieħed iħares lejn id-disa' u l-għaxar premessi għandu jara li l-kumpannija attriċi kienet qegħda testerna l-pretensjoni tagħha li l-kumpannija mħarrka għandha tagħtiha, pretensjoni din li tabilfors timplika li kienet qegħda tqisha bħala d-debitriċi tagħha;

Illi l-Qorti tifhem li jekk it-talba attriċi għandha tiġi mgħarbla kif imiss, din trid issir strettament fid-dawl ta' dak li jingħad fil-premsssi. Kieku ma jkunx hekk, taqa' kull bażi li fuqha t-talba tista' tintlaqa'. Bilkemm għandu għalfejn jingħad ukoll li f'att ta' Ċitazzjoni, mhux kull

---

[17] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[18] Ara App. ~iv. **21.5.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[19] Ara App. **6.3.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ivor |ammit et vs Michael |ammit Tabona noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**) u s-sentenzi hemm imsemmija

premessa li hija ppruvata, jew mhux kontestata, jeħtieġ li jkun hemm provvediment speċifiku dwarha fis-sentenza. ;

Illi, fl-aħħarnett, ma jirriżultax li bin-nuqqas allegat mill-imħarrka fl-att taċ-ċitazzjoni, hija ġarrbet b'dak in-nuqqas xi preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-kunpannija mħarrka, bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fil-liġi, u tiddikjara li l-att taċ-ċitazzjoni jiswa.

**Tordna** għalhekk li s-smigħ tal-kawża jitkompla; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**28 t'Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**28 t'Ottubru, 2002**